MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

17 ta’ April 2020

# L-MFSA TĦEĠĠEĠ AKTAR UŻU TA' SERVIZZI BANKARJI DIĠITALI U TĦABBAR ARRANĠAMENTI GĦALL-OPERAT TAL-BANEK

L-Awtoritá ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji qed tħeġġeġ lill-pubbliku sabiex juża s-servizzi bankarji bit-telefon jew dawk diġitali kif offruti mill-bank tagħhom. Dan sabiex jitnaqqsu, kemm jistgħu, iż-żjajar fil-fergħat tal-banek.

Permess ta’ Ċirkulari maħruġa iżjed kmieni illum, l-Awtorità spjegat li minħabba s-sitwazzjoni li nħolqot bl-imxija tal-COVID-19, il-banek f'Malta u Għawdex kellhom ibiddlu l-mod kif jipprovdu s-servizzi tagħhom, sabiex jassiguraw li, fl-istess ħin, jibqgħu jingħataw is-servizzi lill-kiljenti tagħhom.

Dan it-tibdil jinkludi xi ħinijiet tal-ftuħ kif ukoll, f'xi każijiet, b’ħinijiet imnaqqsin u ftuħ u għeluq ta' fergħat fuq bażi ta' *roster* sabiex jassiguraw kontinwità fis-servizz. Bi qbil mal-MFSA, kull bank qed jipprovdi, mill-fergħat, mill-inqas 50% tas-servizzi li kien joffri qabel matul il-ġimgħa, u nhar ta' Sibt, 25% tas-servizzi offruti qabel.

L-ATMs u magni simili għad-depożiti taċ-ċekkijiet qed joperaw kif kienu qabel. Il-Bank Ċentrali ta' Malta - wara li kkonsulta mal-banek kummerċjali - ix-xahar li għadda, daħħal miżuri temporanji dwar it-tisrif ta' ċekkijiet sabiex titnaqqas il-ħtieġa li wieħed iżur il-fergħat tal-banek. Madankollu, jekk klijenti jibqgħu jħossu l-ħtieġa li jżuru fergħa ta' xi bank, l-MFSA tagħti parir sabiex dan iseħħ matul il-ġimgħa u mhux nhar ta' Sibt, meta aktarx jinġemgħu iktar nies.

Biex wieħed isib l-eqreb fergħa tal-bank tiegħu li tkun miftuħa jista’ jirreferi għal din il-lista mħejjija mill-Malta Bankers Association.

## DWAR L-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f’Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta’ assigurazzjoni, servizzi ta’ investiment, trusts u pensjoniiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta’ Malta.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt